**Id-dubbiena**

Dħaltli nkiss inkiss f'kamarti
U kif għalaqt il-bieb,
Sibtek iddur, iddur
Bla dar bħall-irħieb!
U iżżarżar żarżira
U ittir it-titjira!

Fejn mortli ja dubbiena?
Iddur, iddur, iddur,
Ippruvajt infittxek
Imma int bħal pinnur!
Mkaxkra mar-riħ
Ta' dak li taf bih!

Mur ifhem ja dubbiena
Biex issa ġejt fuq idi,
Imbagħad fuq rasi
U, naqra naqra, ħa ttellifli l-fidi!
X'paċenzja fik!
Għalhekk il-kotra tarmik!

Imma fl-aħħar
U wara bosta ġenn,
Għalfejn m'għandix
Għalik inħenn?
Il-bieb bil-mod ftaħlek
Tir ħielsa bħad-dbieben l-oħra bħalek!

Patri Mario Attard OFM Cap
27 ta' Novembru 2020